**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**32/19**

**It-Tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-24 ta' Novembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata:
    (a) Attivita għall-festi tal-Milied
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Is-segretarju nforma lill-Kunsilliera li kien irċieva komunikat mingħand l-Kunsillier is-Sur Jason Mangani sabiex jiġi skużat għall-laqgħa.

Is-segretarju nforma lill-Kunsilliera li kien irċieva mingħand is-Sur Carabott sabiex ikun skużat fil-bidu tal-laqgħa minħabba mpenji oħra.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 31/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 31/19**

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

2.2.1 Titneħħa l-kelma "li" u ssir "mingħand".
2.2.2 Minuta 3.3- titneħħa l-kelma "Għladaqstant" u ssir "Għaldaqstant".
2.2.3 Minuta 3.4 u 7 – titneħħa l-kelma "s-sekonda" u ssir "ssekonda"
2.2.4 Minuta 3.7 – titneħħa l-kelma "konsiderevoli" u ssir "konsiderevoli".
2.2.5 Minuta 3.8 – titneħħa l-kelma "deċiżi" u ssir "proposti"
2.2.6 Minuta 4.1 – titneħħa l-kelma "anzjeta'" u ssir "ansjeta'"
2.2.7 Minuta 7(e)- titneħħa l-kelma "rakomandazzjoni" u ssir "rakkomandazzjoni".
2.2.8 Minuta 7(e)- titneħħa l-frażi "preżenti qablu li" u ssir "preżenti u qablu".

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti

**3.1** Minuta 4.1 – Is-Sindku staqsa lis-Segretarju fuq kemm il-applikazzjoni l-Kunsill irċieva għad-diskussjoni dwar l-ansjeta' fit-tfal u għall-kors tad-dekorazzjoni tal-kejkijiet.

**3.1.1** Is-Segretarju nforma lis-Sindku u l-membri li s'issa daħlu żewġ applikazzjonijiet għad-diskussjoni dwar l-ansjeta' fit-tfal u 5 applikazzjonijiet għall-kors tad-dekorazzjoni tal-kejkijiet.

**3.2** Minuta 9.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li dwar il-possibilta' tar-rilokazzjoni tan-nar tal-art, fejn s'issa jidher li ma kienx hemm kunsens bejn l-għaqdiet involuti u għaldaqstant ma jistax jiskatta dan il-proċess.

Il-Membri qablu unanimament.

Fis-6.55 pm il-Kunsillier is-Sur Horace Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.3 Minuta 9.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li d-data tal-inawgurazzjoni tal-istatwa f'Misraħ Santa Venera ser tkun posposta minħabba li l-istess statwa mhux ser tasal sad-data stabbilita' dik tal-14 ta' Diċembru. Is-Sindku qal lill-membri li d-data ta' meta ser issir l-inawgurazzjoni titħabbar aktar 'il quddiem.

Il-Membri qablu unanimament.

3.4 Minuta 9.9 – Is-Sindku informa lill-membri dwar il-permess tal-bini ta' Bandallu fi Triq Misraħ il-Barrieri u f'Misraħ Santa Venera. Is-Sindku huwa tal-parir li niktbu lil-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu ssalvagwardjati tal-istess kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

3.5 Minuta 9.10 – Is-Sindku nforma lill-membri li irċieva komunikat mill-MEPA li m'hemmx flus allokati għall-Kunsill fuq dan il-proġett tal-BOV. Mill-banda l-oħra s-Sindku nforma lill-membri li bħalissa qed jagħmel komunikat mal-BOV fuq din il-materja.

3.6 Minuta 9.14 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-ikla tal-Milied ser issir il-Ħadd 21 ta' Diċembru, 2014 f'nofsinhar ġewwa Żonqor Point Restaurant M'Skala. Huwa qal li l-prezz tal-menù huwa €30 kull persuna. Kopja tal-Menu ser tkun komunikata aktar tard.

Il-membri kollha qablu unanimament

Fis-7.15 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Darren Carabott.

**4 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand TCTC sabiex jiġu organizzati aktar korsijiet. Is-Sindku qal li ser jipprova jinnegozja pakkett mat-TCTC. Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku ressaq Memo 27/2014 dwar l-iskema ta' inizjattivi ta' attivitajiet. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex jipparteċipa u juża l-istess tema ta' din is-sena.

**5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 572 sa lment numru 597.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 572 | Contracts Manager |
| 573 | Contracts Manager |
| 574 | Ninfurmaw lill-Enemalta |
| 575 | Jintbgħatu l-Green Wardens |
| 576 | Works order |
| 577 | Azzjoni ttieħdet |
| 578 | Azzjoni ttieħdet |
| 579 | Azzjoni ttieħdet |
| 580 | Transport Malta |
| 581 | Koptasin issir tabella biex l-vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe il-barra |
| 582 | Koptasin |
| 583 | Azzjoni ttieħdet |
| 584 | Work order |
| 585 | Azzjoni ttieħdet |
| 586 | Jittieħed ritratt tas-sit u ninfurmaw lill-WSC jew il-kuntrattur involut |
| 587 | Azzjoni ttieħdet |
| 588 | Contracts Manager |
| 589 | Ħaddiema Assenjati |
| 590 | Tintbgħat ittra lis-Sidien |

| | |
|---|---|
| 591 | Ħaddiema Assejnati |
| 592 | Jiġu nfurmati l-pulizija |
| 593 | Bħal ilment 586 |
| 594 | Ninfurmawh biex japplika ma' Transport Malta |
| 595 | Biex jittieħdu passi jrid jinqabad fil-fatt |
| 596 | Contracts Manager |
| 597 | Contracts Manager |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Attivita' għall-festi tal-Milied

Festin għat-tfal fil-Milied

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-festin tal-Milied għat-tfal. Is-Sindku rrimarka li dan il-festin ilu snin ma jsir. Is-Sindku kompla billi qal li dan il-festin jista' jsir fis-sala tal-Kapillan, it-Tnejn 22 ta' Diċembru, 2014 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-ħsieb huwa li jkun hemm entertainment għat-tfal, ikel u xorb u bħala rigal nirregalaw ktieb lit-tfal.

Il-Membri qablu unanimament li l-prezz għandu jkun €6 sabiex ikopru ftit mill-ispejjeż.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kunitati li ġew preżentati waqt it-32 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li huwa nfurmat mis-Sinj. Annalisa Schembri li t-twinning ma' Kastorja ser jitkompla kif kien previst. Is-Sindku kompla billi qal li ż-żjara f'Santa Venera ser tkun bejn 17 ta' Jannar 2015 u 21 ta' Jannar 2015.

Il-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer informa lill-membri li fil-ġranet li ġejjin flimkien mas-Segretarju ser issir laqgħa mas-Sinj Annalisa Schembri sabiex jiġi fformulat draft tal-programm ta' matul iż-żjara.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar proġett ta' showroom tal-Boilers li ser isir fi Triq il-Kanun. Is-Sindku qal li wasal fi ftehim mas-sid ta' din is-showroom sabiex l-istess sid jirranġa din il-pjazzetta ta' quddiem is-showroom għas-spejjeż tiegħu. Is-Sindku ċċirkula l-pjanta ta' dan il-proġett lill-membri kollha. Il-Kunsill eventwalment jieħu ħsieb it-traffic management.

Il-Membri qablu unanimament ma' dan il-proġett.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-fridge tal-Kunsill għandha ħsara rreparabbli u hemm il-ħtieġa li tinxtara oħra. Is-Sindku qal li s-Segretarju ġab tlett kwotazzjonijiet mingħand Centro

Casalinga €319, Crosscraft €587.07, Flamingo €349. Fuq dan ir-rigward is-Sindku qiegħed jipproponi lil Centro Casalinga peress li hija l-irħas kwotazzjoni u għandha wkoll garanzija.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.35 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: